MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1042/2001/1

**Vella Imports Ltd.**

**vs**

**Gerald Paris, u Kenneth Brincat u Citadel Insurance PLC ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 11 ta' Gunju 2001 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn esponiet: -

Illi fil-11 ta' Lulju 1999, waqt li l-konvenut Gerald Paris kien qed isuq il-vettura tat-tip Mazda 323 registrazzjoni numru GAP 987 fi Triq St. Andrew, St. Andrews, liema vettura hija registrata fl-isem il-konvenut l-iehor Kenneth Brincat, kien involut f'incident awtomobilistiku mal-vettura tat-tip Isuzu, registrazzjoni numru SUB 014 proprjeta' tas-

socjeta` attrici u misjuqa minn impjegata tal-istess socjeta` attrici.

Illi ghal tali incident jahti unikament il-konvenut Gerald Paris billi minhabba s-sewqan traskurat imprudenti u b'nuqqas ta' hila u ta' harsien tar-regolamenti tas-sewqan ikkagunna hsarat konsiderevoli bil-konsegwenzjali danni sofferti fil-vettura tas-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` attrici soffriet danni konsiderevoli kkagunati u rizultanti mill-incident in kwistjoni, kif ser jigi ampjament ippruvat fis-smigh tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-konvenut Gerald Paris gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk sofferti anke premess ta' ittra legali datata 4 ta' Awwissu 1999 izda huwa baqa’ inadempjenti.

Jghidu ghalhekk l-konvenuti jew min minnhom ‘il ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, ma ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjarahom jew min minnhom responsabbli ghall-incident u d-danni naxxenti mill-istess incident sofferti mis-socjeta` attrici.

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-istess socjeta` attrici, prevja okkorendo tal-hatra ta' periti nominandi.

3. Tikkundana lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma hekk likwidata favur is-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 4 ta' Awwissu 1999 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-incident sal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Gerald Paris datata 18 ta’ Settembru 2001 (fol 15) fejn espona: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, *stante* li l-incident tat-traffiku insemmi mis-socjeta` attrici li sehh fil-11 ta' Lulju 1999 fil-limiti ta' St. Andrews u li fih kien involut l-eccipjenti waqt li kien qed isuq il-vettura numru GAP 987 ma garax tort u htija tieghu izda gara unikament tort ta' Emma Wallin, is-sewwieqa tal-vettura numru SUB 014, proprjieta` tas-socjeta` attrici u dan kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Citadel Insurance plc datata 28 ta' Settembru 2001 (fol 15) fejn esponiet: -

1. Illi s-socjeta` eccipjenti m'hijiex il-legittima kontraditrici *stante* li hija ma ghandha ebda rapport guridiku mas-socjeta` attrici u m'hijiex il-persuna legittima sabiex twiegeb ghat-talbiet attrici u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza ta' dan il-gudizzju bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Kenneth Brincat datata 28 ta' Settembru 2001 (fol 19) fejn esponiet: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes, billi l-eccipjenti ma kienx involut f'ebda incident tat-traffiku mal-vettura numru SUB 014, proprjeta tas-socjeta` attrici, u ghalhekk huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghad-danni li allegatament sofriet is-socjeta` attrici

2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Frar 2002 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar din l-eccezzjoni preliminari ghat-2 ta' Mejju 2002; u l-verbali l-ohra kollha

inkluz dak tad-29 ta’ Mejju 2003 fejn inghatat sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari, illi: -

*“Il-Qorti,*

***Tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-kumpanija assikuratrici mharrka, ghaliex mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra taghha.*

*U **tordna** li s-smigh tal-kawza jissokta bil-gbir tal-provi fil-mertu.”*

Rat ir-rikors ta’ Vella Imports Limited datata 6 ta’ Settembru 2005 (fol 71) fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna li jigu allegati f’din il-kawza l-atti tal-imsemmija kawza fl-ismijiet **“Pulizija vs Gerald Paris”** u dan taht dawk il-provediment li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ Vella Imports Limited datata 15 ta’ Mejju 2006 (fol 147).

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-konvenuti datata 19 ta’ Gunju 2006 (fol 155).

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Gunju 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Stephen Miscat ghamel sottomissjonijiet ulterjuri dwar il-kaz b’zieda man-nota mressqa minnu fid-19 ta’ Gunju 2006. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Dicembru 2006; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tat-12 ta’ Dicembru 2012 fejn il-kawza baghet differita ghas-sentenza ghas-16 ta’ Mejju 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Mejju 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Ottubru 2013 ghall-iskop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fil-11 ta' Lulju 1999, fejn s-socjeta` attrici qed tallega li waqt li s-sewwieqa Emma Wallin, li kienet impjegata maghha, kienet qed isuq Van tat-tip Isuzu registrazzjoni numru SUB-014, proprjeta' tal-istess socjeta` attrici, fi Triq St. Andrew, St. Andrew fid-direzzjoni ta' Bugibba, fuq in-naha taghha tat-triq, mid-direzzjoni opposta giet il-karozza misjuqa mill-konvenut Gerald Paris ghal fuq in-naha hazina tat-triq u dahlet f'dik tas-socjeta` attrici u kkagunatilha hsarat. Il-vettura tat-tip Mazda, registrazzjoni numru GAF-987 hija registrata f'isem il-konvenut Kenneth Brincat u assikurata mas-socjeta` assikurattiva Citadel Insurance p.l.c.

Illi fil-fatt l-istess socjeta` attrici qed issostni li dan l-incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut Paris, minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parte* tieghu, u ghalhekk qed titlob li tithallas minghand il-konvenuti jew min minnhom l-allegati danni li hija tikkontendi li sofriet fis-somma li qed titlob li tigi likwidata.

Il-konvenuti Paris u Brincat cahhdu kull responsabbilta' ghall-incident, li Paris addebita unikament lis-sewwieq tal-van. Is-socjeta` assikurattiva Citadel Insurance p.l.c. illimitat ruhha ghall-eccezzjoni procedurali. Din l-eccezzjoni giet trattata permezz ta' sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-29 ta' Mejju 2003[1].

**Provi Prodotti**

Is-socjeta` attrici esebiet ir-*road accident report* u skizz tal-incident (immarkati **Dok."A"** a fol.5- 9 tal-process).

**Martin Vella** direttur ta' *Vella Imports Ltd.* xehed permezz ta' affidavit (fol.57 et seq) u kkonferma li l-vettura tat-tip

---

[1] Fol.31 tal-process.

Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni SUB-014 hija proprjeta' tal-istess socjeta`. Kienet inxtrat *second hand* mill-*Paramount Garage* ghall-prezz ta' Lm4500 **(DOK MV1**) xi hmistax qabel l-incident. Il-van kien jintuza ghall-garr ta persuni u attrezzaturi ghall-isport ta' *scuba diving* u qal li peress li l-incident sehh fl-aqwa tal-istagjun, kellhom jikru van iehor bl-ispiza totali ta' Lm3775.45 **(DOK MV2).** Mid-dokument esebit a fol. 60, jirrizulta li l-kera kienet tkopri perjodu mit-12-07-1999 sad-9-09-2000.

Xehed ukoll li l-van gie skreppjat[2] peress li ma kienx ekonomikament vijabbli li jissewwa. Dan il-fatt gie kkoroborat minn **Brian Vella**[3] li xehed li l-van gie skreppjat fis-sena 2000. Martin Vella xehed ukoll li dam xi 14-il xahar qabel ma rrimpjazza l-van. Spjega li dan kien principalment ghal ragunijiet finanzjarji peress li kien ghadu kemm xtrah ftit qabel ma sehh l-incident u l-kumpanija Citadel Insurance p.l.c. ma kenitx accettat ir-responsabbilta` ghall-incident.

Il-konvenuti esebew kopja ta' *survey* maghmul minn Citadel Insurance p.l.c. (**Dok. GP1)**[4] li saret fuq il-vettura tas-socjeta` attrici biex juru li t-tiswija kellha ddum biss 25 jum. Dan gie kkonfermat bil-gurament mis-*surveyor* **Natalino Agius.**

Gew esebiti l-verbali tal-access u tat-tehid ta' xhieda bil-gurament mill-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace fl-adempiment tal-inkarigu tieghu bhala Espert tat-Traffiku fil-proceduri nkorsi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja Kriminali.[5]

Mill-verbal tal-access kondott fuq il-lok tal-incident mill-Espert imsemmi fit-12.45 a.m. f' jum it-12 ta' Lulju 1999 jirrizulta li l-van Isuzu SUB-104 "*kienet maqluba fuq genbha xellugi...kellha daqqa qawwija hafna fil-kantuniera tal-lemin quddiem bil-'bodywork' mifqugh 'l gewwa u t-tyre*

[2] Xhieda tal-4 ta' Ottubru 2005.
[3] Rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji li xehed fl-4 ta' Ottubru 2005 - xhieda a fol.108 tal-process.
[4] Esebit a fol. 68 u 69 tal-process.
[5] Fol.73 sa' 88 tal-process.

*hawn mcarrat bid-daqqa. Din kienet qrib il-hajt. Il-barra kien hemm wiccha lejn San Giljan izda angolata tal-kantuniera tal-lemin ta' quddiem lejn il-hajt, il-Mazda 323 GAF-987. Din kienet bir-rota tax-xellug ta' wara biss 'l hinn mill-linji doppji tan-nofs it-triq. It-tliet roti l-ohra kienu fil-versant tan-naha tal-hajt.".....''Bejn iz-zewg vetturi kien hemm it-tifrik tal-habta, u zjut b'mod li kien jidher li l-incident kien sar fil-versant ta' min sejjer minn San Giljan lejn St. Andrews....Il-Mazda kellha daqqa enormi fil-faccata tal-lemin...""Kienet lejla sabiha u t-triq xotta. L-incident gara appena ser titla' 'bend to the left' ghall-Van u kif ser tibda 'to the right' ghall-Mazda."*

Mix-xhieda ta' **Paul Vella,** xhud indipendenti**,** jirrizulta li dan kien qed isuq wara l-Van "*ghaddejjin regolarment fuq is-side taghna"* meta ra lill-van jibbrejkja u jinqaleb fuq il-genb xellugi tieghu. Meta gara hekk it-triq inkixfitlu u ra lil Mazda kif rawha l-esperti fl-access**.**

**Emma Wallin** li kienet qed issuq il-Van, xehdet quddiem l-Espert tat-traffiku li "*I was on my side (of the road).There was no one in front of me. My front lights were on. There was traffic in the opposite direction and suddenly a car, coming from the opposite direction, came my way...I slowed down, but the other car came so fast and it collided with the front right side of my car and the Van overturned on the left."..What I actually saw were two lights in front of me in such a way that I was keeping to the left and when the impact happened the other car finished up as it was after the accident."* Ohtha **Sarah Wallin**, li kienet passiggiera fil-Van, ukoll ikkonfermat li kienu qed isuqu fuq is-side taghhom: *"We were driving the curve and we slowed down … I saw a pair of oncoming lights and they turned straight into my direction. My last thought was 'What is he doing?"*

**Gerald Paris** ta verzjoni differenti meta xehed quddiem l-espert Dr. Micallef Stafrace fejn qal *"Kont ghaddej u f'daqqa wahda nara Isuzu abjad bil-bright (kif stajt nara wara) ipprova jaghmel 'overtaking' u gie n-naha tieghi u pprova jidhol f'postu u mbaghad gara l-incident. Lili hadni, l-incident gara n-naha tieghi."* Kienu gejjin mill-*Cartwheel*

*Hotel* Bugibba fejn hadu drink. *Ir-ragel jixrob birra jew tnejn. Missier ir-ragel il-barman t'hemm." (Xhieda* ***Karen Paris****).*

**Karen Paris** ukoll xehdet quddiem l-Espert fejn qalet li kienet fuq wara tal-vettura bit-tifel, in-naha tal-lemin. "*Naf li konna mexjin u rajt van abjad gej fuqna. Ma naf xejn izjed."* Hi kienet intilfet minn sensija kagun tal-incident u haduha l-Isptar.
Xehed **Joseph Zammit**[6] li kien l-espert mekkaniku imqabbad mill-Magistrat inkwirenti li, flimkien mal-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace u l-Perit Arkitett Richard Aquilina, ghamel ir-rapport dwar l-incident u kkonferma l-kontenut tal-iskizz a fol.9 tal process. Hu xehed: "*Irrid nghid li l-vettura involuta fl-incident ta' l-ghamla Mazda, kienet qeghdha taqsam id-'double line' u mdahhla fl-istess van. Id-daqqa li kellu l-van kien kompatibbli ma' daqqa illi kkawzatlu biex jinqaleb ... L-impatt fuq il-vettura Mazda kien impatt frontali fin-nofs filwaqt li l-van, .. kellu daqqa fuq il-genb lemini tieghu.”* .. “*Ahna stabbilejna li l-ispot of impact kien jaqbez id-'double lines' fil-karreggjata li kien gej minnha l-van*." Ma kellux spjegazzjoni ghalfejn il-Mazda kellha wkoll daqqa fuq wara. Hu ma sab ebda hsara teknika fil-Mazda li setghet ikkagunat il-habta.

**Paul Vella** xehed ukoll *viva voce*[7]*.* Qal li ra li t-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta kien normali. Il-frak li ra kien lejn in-nofs it-triq quddiem il-van.

Xehdet **Karen Parnis** u qalet li f'daqqa wahda rat dawl qawwi quddiema u sehhet habta u ma ftakret xejn izjed: "*Id dawl kien qieghed gej mhux ezatt fuqna imma kwazi...Zewgi ma kienx qed isuq b'velocita'...kien qed izomm lejn il-genb tieghu..fin-nofs tal-korsija li konna qeghdin insuqu fuqha, pero' fuq in-naha taghna kompletament."*
**Natalino Agius** ikkonferma r-rapport a fol.69 tal-process maghmul minnu fuq inkarigu ta' Citadel Insurance plc u xehed li ma kenitx ekonomikament vijabbli li l-van

[6] Xhieda a fol 109 et seq.tal-process.
[7] Seduta tad-9 ta' Novembru 2005 a fol.125 tal-process.

tissewwa u li van bl-attrezzi komparabbli kien jiswa Lm3,400 biex tinxtara. Kien ukoll hadem *loss of use* ghall-25 gurnata ghall-eventwalita' li tissewwa. F'dan il-kaz l-ispiza ghat-tiswija kienet tkun ferm oghla minn dik ghall-rimpjazzar tal-van.

**Xehed Dr. Edmond Zammit Laferla** f'isem Citadel Insurance p.l.c. u kkonferma li l-vettura Mazda GAF-987 involuta fl-incident kienet koperta bi polza ta assikurazzjoni abbazi ta' *third party risks*, u kienet registrata f'isem Kenneth Brincat. Huma ma kienux tal-fehma li l-assigurat taghhom kien responsabbli.

## APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mixjin fid-direzzjoni opposta tat-Triq St. Andrew, St. Andrews, San Giljan. Il-vettura Isuzu SUB-014 kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' Bugibba filwaqt li l-vettura Mazda GAF-987 kienet sejra lejn id-direzzjoni ta' San Giljan. Jirrizulta li l-vettura Mazda kienet misjuqa mill-konvenut Gerald Paris.

Ir-*Road Accident Report,* (a fol 9 tal-process) li gie ikkonfermat mix-xhud Joseph Zammit, wiehed mill-esperti nominati mill-Qorti Istruttorja, juri l-posizzjoni tal-vetturi mal-habta. Dan ma giex ikkontradett mill-partijiet.
Il-Qorti taghmel riferenza ghar-rapport tal-access mehud *tempo vergine* fis-sighat bikrija ta' jum it-12 ta' Lulju 1999 (l-incident sehh fil-11.30pm tal-11 ta' Lulju 1999, fejn gie kkostatat mill-Espert tat-Traffiku Dr. Joseph Micallef Stafrace li "*il-Mazda 323 GAF-987 kienet bir-rota tax-xellug ta' wara biss 'l hinn mil-linji doppji tan-nofs it-triq. It-tliet roti l-ohra kienu fil-versant tan-naha tal-hajt."....."Bejn iz-zewg vetturi kien hemm it-tifrik tal-habta, u zjut b'mod li kien jidher li l-incident kien sar fil-versant ta' min sejjer minn San Giljan lejn St. Andrews."*

Li l-Mazda spiccat mal-habta fil-posizzjoni kif murija fuq l-iskizz jirrizulta mix-xhieda ta' Emma Wallin, kif ukoll mix-xhieda ta' **Paul Vella,** li kien xhud indipendenti f'dan il-kaz *"ra lill-Mazda kif rawha l-esperti fl-access*."

Jirrizulta indubbjament ghalhekk, li l-Mazda mal-habta waqqfet fil-posizzjoni li nstabet, cioe`, fin-naha tal-versant tat-traffiku oppost. Difatti l-iskizz jikkostitwixxi prova inkonfutabbli tal-fatt li l-Mazda kienet qabzet il-linja tan-nofs tat-triq u dahhlet fil-karreggjata tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta.

Huwa minnu li **Gerald Paris** ta verzjoni differenti u cioe` li l-van "*ipprova jaghmel 'overtaking' u gie n-naha tieghi u pprova jidhol f'postu u imbaghad gara l-incident."* Martu, li intilfet minn sensija minhabba li korriet fl-incident, ftakkret biss li rat van abjad gej fuqhom fix-xhieda taghha quddiem il-Perit Joseph Micallef Stafrace. Meta xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, diversi snin wara, donna ftakret izjed ghaliex ziedet tghid li zewgha kien qed izomm fis-*side* tieghu. Izda din il-Qorti hi tal-fehma li kienet izjed veritiera fix-xhieda taghha quddiem l-Espert Dr. Micallef Stafrace minhabba t-trapass ta' snin bejn deposizzjoni u ohra u minhabba l-istat taghha minhabba l-habta. Fit-18 ta' Settembru 1999 qalet "*Naf li konna mexjin u rajt van abjad gej fuqna. Ma naf xejn izjed."*

Tenut kont il-provi kollha f'dan il-kaz, jirrizulta li l-verzjoni ta' Gerald Paris mhijiex verosimili. Huwa kontradett mill-iskizz li juri l-pozizzjoni tal-vettura tieghu fuq il-versant l-oppost tat-triq, mal-*'ispot of impact'* u huwa kontradett mhux biss mix-xhieda ta' Emma Wallin u ta' ohtha Sarah Wallin, imma ukoll mix-xhieda ta' Paul Vella li qal "konna *ghaddejjin regolarment <u>fuq is-side taghna</u>"*, tal-espert Joseph Zammit li xehed fuq l-iskizz, u mill-kostatazzjonijiet li saru mill-esperti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta ghamlu l-access u qalu li *"kien jidher li l-incident kien sar fil-versant ta' min sejjer minn San Giljan lejn St. Andrews."*

**Emma Wallin** li kienet qed issuq il-Van, kienet konsistenti meta xehdet li kienet qieghda fuq is-*side* taghha u meta rat il-vettura gejja min-naha l-opposta tat-triq, "*I slowed down"* imma ma setghetx tevita l-habta. Qalet li fil-fatt rat id-dwal gejjin u rreagixxiet billi baqghet izzomm man-naha tax-xellug tat-triq. Ohtha **Sarah Wallin**, li kienet passiggiera fil-Van, li ukoll ikkonfermat li kienu qed isuqu fuq is-side taghhom : *"We were driving the curve and we*

*slowed down..I saw a pair of oncoming lights and they turned straight into my direction. My last thought was 'What is he doing?"*

Id-difensur tal-konvenuti Paris u Brincat ghamel riferenza ghall-ritratt esebit in atti bhala **DOK JZA (**fol.100) fejn jidher trab abjad jew debris mifrux fuq iz-zewg karreggjati. Madanakollu **Joseph Zammit** xehed li ghalkemm it-tifrik tal-habta kien imtajjar l-izjed u kien ikkoncentrat kien fejn kellha d-daqqa l-van u fejn kienet waqqfet il-Mazda, fuq in- naha tax-xellug. Ukoll, ikkonferma li kien hemm hafna aktar tifrik fuq in-naha fejn kien il-van minhabba li nqaleb izda "*niccara li t-tifrik tal-habta ma kienx biss fuq in-naha tat-triq tal-van Isuzu imma kien taz-zewg vetturi nvoluti fil-habta. Ahna stabbilejna li l-'ispot of impact' kien jaqbez id-'double lines' fil-karreggjata li kien gej minnha l-van."* Spjega, b'riferenza ghat-tifrik li kien hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq li "*meta jkun hemm impatt bejn zewg vetturi, dak it-tifrik jinxtered anke f'certu distanza."*

Id-difensur tal-konvenut issottometta wkoll li ma kienx hemm spjegazzjoni tal-hsara li kien hemm fuq in-naha ta' wara tal-vettura. Izda lanqas kien jispetta lill-attur li jaghti spjegazzjoni dwar din il-hsara li setghet avverrat qabel l-incident.

Huwa minnu li min jallega irid jipprova. Izda fil-kaz odjern, il-provi li jsostnu t-tezi attrici huma preponderanti u jikkonfortaw il-verzjoni tal-fatti ta' Emma Wallin sal-grad rikjest mil-Ligi. Anzi jinghad li f’dan il-kaz ma hemm ebda ndizzju ta’ prova li jiggustifika l-komportament tal-konvenut u jispjega ghaliex spicca fuq in-naha hazin tat-triq. Fil-fatt din il-Qorti, bhal ma gie ritenut fil-kaz **“Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri”** (P.A. RCP - 7 ta’ Dicembru 2000), bla ezitazzjoni ta’ xejn, thoss li dan huwa kaz ta’ *“res ipsa loquitur”*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta’ presunzjoni ta’ *“prima facie”* li t-tort huwa ta’ wiehed u mhux tal-iehor. (**“John Formosa noe vs Joseph Zammit” -** F.G.C. 30 ta’ April 1993; **“Charles Tonna vs Joseph Cassar” -** A.C. 14 ta’ Mejju 1971; **“Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo”** - A.C. 5 ta’ April 1971).

*Inoltre* huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna li l-verosimiljanza hija forma ta’ korroborazzjoni, u taht dan l-aspett jinghad li t-tezi tal-istess attur hija hekk korroborata u ppruvata. Illi dan qed jinghad ukoll ghaliex, jekk min-naha l-ohra wiehed ihares lejn it-tezi tal-konvenut, tirrizulta, fl-isfond tal-provi akkolta, inveritiera u nsostenibbli.

Difatti ma hemm ebda prova konsistenti mressqa mill-konvenut. Kien jispetta lilu li jaghti spjegazzjoni li teghleb il-piz tal-provi prodotti. Fil-kamp civili gjaladarba l-attur jissodisfa l-grad ta' "*balance of probabbilities*" jinkombi fuq il-konvenut li juri verzjoni daqstant probabbli tal-incident. Izda il-konvenut ma ta ebda spjegazzjoni dwar id-dinamika tal-incident fis-sens li llimita ruhu biss biex jghid li l-vettura l-ohra giet ghal fuqu meta kien fuq in-naha tieghu tal-incident. Dan qalu fil-proceduri tal-inkjesta, peress li hu ghazel li ma jixhidx f'din il-kawza. Ghalhekk ghazel li ma jghid xejn bil-gurament, per ezempju, fuq il-mod kif irreagixxa meta allegatament ra l-vettura l-ohra gejja ghal fuqu, biex forsi jispjega kif spicca fuq il-versant l-iehor tat-triq, dwar il-mod kif dahal fil-kurva, dwar x'ghamel biex jipprova jiskapula l-incident.

Illi huwa sintomatiku li l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Jesmond Bonello vs Giulio Baldacchino”** deciza fil-15 ta’ Jannar 1997 qalet illi:

*“... f’materja ta’ determinazzjoni ta’ responsabbilta’ ghall-incident awtomobilistiku l-Qorti ghandha dejjem tiggudika a bazi ta’ dak li jirrizultalha li kienet il-kawza prossima w immedjata tieghu u tapplika ghalih ir-regoli li s-sewwieqa kienu obbligati josservaw u jobdu. F’materja ta’ sewqan huma r-regolamenti u t-tharis u l-ksur taghhom li jaddebitaw ir-responsabbilta’ u mhux l-ekwita’ u gudizzju approssimattiv. Huma dawn ir-regolamenti li ghandhom jigu rigidament applikati. Dan biex jigi assigurat l-ordni, fir-rispett ta’ l-istess regolamenti, li wahdu jista’ jipprevjeni l-incidenti.”*

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess jirrizulta li s-sewqan traskurat tal-konvenut Paris kien il-kawza prossima tal-istess incident tal-11 ta’ Lulju 1999 meta saq b'manjiera perikoluza u qasam il-linja tan-nofs u habat ma' vettura gejja min-naha l-opposta tat-triq.

**Responsabbilta` ta' Kenneth Brincat**

Fil-kaz odjern is-socjeta` attrici harrket tnejn min-nies, u cioe` l-konvenut Gerald Paris, li kien is-sewwieq, u l-konvenut Kenneth Brincat li ma kienx prezenti ghall-incident izda huwa l-propretarju tal-vettura li kien qed isuq il-konvenut l-iehor Paris.

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "*jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" **(Art 1032 (1), Kodici Civili).** Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' levent dannuz. "*Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*".

Illi l-konvenut Brincat ma jistax jitqies kompartecipi fl-incident. Sabiex jinsab responsabbli ghad-danni jrid ikun ghamel xi att ta’ kommissjoni jew ommissjoni tieghu li kkontribwixxa ghall-incident. Ebda prova ma twassal ghal din il-konkluzjoni bhal per ezempju li halla karozza fi stat hazin tinsaq minn bniedem iehor jew xi haga simili. Fis-sentenza li nghatat nhar il-11 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet "**Antonia Vella vs Joseph Camilleri et"** moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fuq kwistjoni simili, nghad li r-responsabbilta` civili tal-konvenut ghad-danni kagunati minnu tohrog mill-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili:-*“…mhix kawza bbazata fuq nuqqas t’osservanza ta’ disposizzjoni kontrattwali izda kawza ex delicto u ghalhekk il-propretarju tal-van m’ghandux ikun responsabbli”.*

Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tara kif tista’ issib htija fil-konfront ta’ dan il-konvenut Kenneth Brincat.

**Responsabbilta` tas-Socjeta` Assikurattiva.**

Ir-rapprezentant tas-socjeta` assikurattiva kkonferma li l-vettura misjuqa minn Gerald Paris u registrata f'isem Kenneth Brincat kienet assikurata maghha a bazi ta' *third party policy*.[8]

Id-difensur tal-konvenuti sostna li s-socjeta` assikurattiva giet imharrka inutilment u m'ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza. Fil-kuntest tal-artikolu 10(1) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta) issottometta li din l-Ordinanza kif ammendata, introduciet il-principju li sentenza kontra assikurat taghmel stat fil-konfront tas-socjeta` assikuratrici in kwistjoni.

Il-Qorti taqbel ma' din is-sottomissjoni izda tinnota li s-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. ma ressqet ebda eccezzjoni fuq il-mertu.

Ikkonsidrat li r-responsabbilta` tas-socjeta` assikurattiva ghall-hlas tad-danni subiti minn terzi hija regolata bid-disposizzjonijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta` assikurattiva certament ma ggorx xi responsabbilta` akwiljana ghall-incident u ma jirrizultax li hi accettat ir-responsabbilta` ghall-hlas tad-danni subiti biex b'hekk holqot relazzjoni giuridika kontrattwali mat-terz iddanneggjat.[9]

Din il-Qorti kif diversament presjeduta rrespingiet l-eccezzjoni tas-socjeta` assikurattiva li ma kenitx il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri minghajr pregiudizzju ghall-ezitu finali tal-proceduri odjerni.

Ikkonsidrat li s-socjeta` Citadel Insurance p.l.c. m'ghandhiex titqies responsabbli ghall-incident izda ghandha titqies responsabbli ghad-danni likwidati b'din is-

---

[8] Xhieda ta' Dr. Edmond Zammit Laferla fil-25 ta' Jannar 2006 a fol. 139 et.seq. tal-process.

[9] Ara ad.es.*Untours Insurance Agents Ltd. noe -v- Robert Azzopardi* - App.Inf.dec.23 ta' Jannar 2004.

sentenza peress li din ir-responsabbilta` hija vinkolanti fuqha *ex lege,* skont id-dispozizzjonijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu li hija l-kumpanija assikuratrici tal-vettura Mazda GAF-987 registrata f'isem l-assikurat taghha.

**Likwidazzjoni tad-Danni**

Il-kumpanija attrici qed titlob kumpens ghall-ispejjez ta' kiri ta' vettura minflok il-van, kif ukoll il-valur tal-istess van li kellu jigi *scrapped* minhabba l-incident.

Dwar dawn l-ispejjez, mhux kontradett li ma kienx ekonomikament vijabbli biex il-van jissewwa. Il-konvenuti esebew *survey report* ta' Natalino Agius, li sar fuq inkarigu tas-socjeta` Citadel Insuance p.l.c. fejn ikkonstata li van bl-attrezzi komparabbli  kien jiswa Lm3400 biex tinxtara fil-perjodu tal-incident, filwaqt li sab li l-perjodu ghall-'*loss of use*' kien ta' 25 jum. Il-valur stmat mis-*surveyor* gie accettat ukoll mis-socjeta` attrici.[10]

Il-konvenuti jissottomettu li l-valur stabbilit mis-*surveyor* ghandu jkun il-bazi tal-kumpens moghti lis-socjeta` attrici u li, inoltre, din m'hiex intitolata ghall-*pre-accident value* fl-intier tieghu peress li jirrizulta valur ghall-*wreck* ta' Lm450 kif stmata mis-*surveyor* Natalino Agius.[11] Il-vettura effettivament giet skreppjata.[12]

Il-Qorti hija tal-fehma li l-valur tal-vettura li ghandu jigi kkumpensat fil-valur li jirrizulta mill-istima ta' Natalino Agius huwa ta' Lm3400, u li minn dan ghandu jitnaqqas il-valur tal-fdalijiet (Lm450) li jwassal ghal total nett ta' Lm2,950.

*Inoltre* s-socjeta` attrici qed tirreklama rimbors tal-ispejjez ta' vettura tul perjodu ta' 14-il xahar ammontanti ghall-Lm3,775.45.

[10] Nota ta' sottomissjonijiet a fol. 151, para 23.

[11] Seduta tal-25 ta' Jannar 2006

[12] Xhieda tar-rapprezentant tad-Direttorat tal-Licenzji a fol.108 tal-process.

Din it-talba kif hekk maghmula mhiex sostenibbli. Huwa minnu li s-socjeta` attrici ma gietx ikkumpensata fil-valur tal-van u kellha, ghalhekk tikri vettura minflokha. Effettivament din il-vettura giet skreppjata u huwa minnu wkoll li ma kienx hemm qbil mas-socjeta` assikurattiva dwar kiri tal-vettura u wisq inqas li din kienet ser titranga. Madanakollu, fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti, li ghandha taghmel gustizzja maz-zewg partijiet, tqies li t-talba ghall-kumpens ghall-ispiza ta' kiri tal-vettura, *entro certu* limiti, hija misthoqqa. Kif xehed Martin Vella, l-incident sehh fl-aqwa tal-istagjun tad-*diving* meta kellu l-aktar bzonn ta' vettura. Kien ghadu kemm xtara il-van u ma kellux il-finanzi biex jixtri vettura ohra. Is-*survey* a fol 69 tal-process sar fit-2 ta' Awwissu 1999 u kien f'din id-data li s-*surveyor* seta' jikkonstata l-hsarat ikkagunati u jikkonkludi li kien ikun ekonomikament vjabbli li l-vettura tigi rimpjazzata. Sa dakinhar, is-socjeta` attrici kienet inkonsapevoli ta' din il-konkluzjoni. *Inoltre* l-ittra li biha s-socjeta` assikurattiva konvenuta rrifjutat li taccetta r-responsabbilta` tal-assikurat taghha kienet datata l-10 ta' Awwissu 1999 (**Dok. MVY** a fol. 99). Wara dik id-data s-socjeta` attrici assumiet ir-riskju ta' kull spiza ohra li nkorriet fiha ghaliex kienet taf fic-cert li ma kellhiex il-kunsens tal-assikurazzjoni, anzi, kellha opposizzjoni ghat-talbiet taghha. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tigi kkumpensata ghall-kiri ta' vettura limitatament ghall-perjodu mit-12 ta' Lulju 1999 sal-10 ta' Awwissu 1999.

Skont id-dokument esebit minn **Martin Vella (Dok. MV2** a fol. 60) ir-rata ta' kiri applikabbli kienet ta' Lm18 kuljum. Dan id-dokument juri li s-socjeta` attrici kriet vettura mit-12.07.99 sas-27.07.99 (16-il jum) u mbaghad kriet vettura mill-29.07.99. sal-10.08.99 cioe` ghall-13-il jum - b'kollox 29 jum. L-ammont dovut jinhadem hekk: Lm18x29=Lm522.

L-ammont komplessiv dovut lis-socjeta` attrici *in linea* ta' danni ghalhekk huwa ta' Lm3472 (Lm2,950 + Lm522) u cioe` €8087.58

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet** tal-konvenut Kenneth Brincat u **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gerald Paris, **tilqa' t-talbiet attrici** billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** fil-konfront tal-konvenut Gerald Paris u tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fil-11 ta' Lulju 1999, fi Triq St. Andrew, St. Andrews u tiddikjara lill-istess Gerald Paris u lis-socjeta` Citadel Insurance p.l.c., responsabbli ghall-hlas tad-danni kkagunati lis-socjeta' attrici bl-incident mertu ta' din il-kawza.

2. **Tillikwida d-danni** hekk sofferti fl-ammont ta' tmint elef u sebgha u tmenin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€8,087.58);

3. **Tikkundanna lill-istess konvenuti** Gerald Paris u Citadel Insurance p.l.c. sabiex ihallsu s-somma hekk likwidata favur is-socjeta' attrici bl-imghaxijiet legali mid-data tal-incident sal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri jithallsu minn Gerald Paris u minn Citadel Insurance p.l.c.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------